**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 21 – L-ERBGĦA 19 TA' JANNAR 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal-Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju |

Eżekuttiv

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti nqraw u wara li kienu approvati gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa gew approvati fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. KUMITAT TAR-REĠJUN ĊENTRALI

2.1 Il-President Reġjun, Dr Malcolm Mifsud, kien mistieden mis-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, biex dan jagħmel preżentazzjoni dwar il-ħidma tar-Reġjun Ċentrali lill-Kunsielliera.

2.2 Dr Mifsud spjega lill-Kunsill l-għanijiet tar-Reġjun Ċentrali u fost affarijiet li semma huwa qal li permezz ta' dan il-kumitat, il-Kunsilli li jiffurmaw parti minn dan ir-Regjun ser ikollhom mod aktar b'saħħtu biex jitwettqu programmi għal ġid tal-Lokalità.

2.3 Dawn il-programmi jistgħu jkunu aktar effiċjenti għar-raġuni li flok kull kunsill jaħdem għal rasu jkun hemm għaqda bejn il-Kunsilli tar-Reġjun u flimkien iħaddmu l-istess programm.

2.4 Bħala l-ewwel eżempju ta' ħidma li ser titwaqqaf minn dan il-Kumitat tar-Reġjun, ser tkun is-sistema tal-infurzar tal-liġi li fil-preżent qed titħaddem mill-Kumitat Konġunt.

2.5 Dr Mifsud ħeġġeġ lill-Kunsill biex permezz tar-rappreżentant tiegħu fil-Kumitat tar-Reġjun iwassal ideat biex fuqhom jitfassal programm ta' ħidma permezz ta' dan il-Kumitat.

## 3. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – TOROQ

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar ir-rapport li kien għadda lill-Contract Manager, il-Perit John Rizzo Naudi, dwar diversi lmenti li kienu waslu l-Kunsill mingħand ir-residenti.

(a) Il-ħtieġa biex isiru s-sinjali tat-traffiku fit-toroq Robert Mifsud Bonnici u Vjal Trasfigurazzjoni għar-raġuni li dawn għadhom mhux lesti wara li x-xogħol ilu li tlesta aktar minn tliet ġimghat.

(b) It-tappieri qed jagħmlu ħafna ħsejjes meta jgħaddi t-traffiku minn fuqhom.

(c) Gie nnutat li quddiem il-pjazza minn fejn inbeda t-tarmac, ħdejn it-Torri Belvedere u viċin it-Triq Giovanni Barbara fi Vjal Trasfigurazzjoni, qed jider li diġà qed jinqala' parti mit-tarmac li għadu kif tlesta.

*3.2* Is-Sindku, Dr Ian Castadli Paris, qal ukoll biex tinġibed l-attenzjoni tal-Perit John Rizzo Naudi biex dan jipprepara traffic management għal waqt ix-xogħlijiet fi Triq

Annibale Preca. Huwa qal ukoll li l-Perit għandu jinforma lill-Kunsill meta huwa maħsub li l-kuntrattur għandu jibda dan ix-xogħol.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsil li huwa kien ġibed l-attenzjoni tal-Perit John Rizzo Naudi biex dan jieħu ħsieb jipprepara stima tal-ħlasijiet li għandhom isiru fi Triq Annibale Preca permezz tal-PPP – TOROQ.

3.4 Ir-Raġuni għal dan huwa l-fatt li l-Kunsill għandu jkollu l-informazzjoni preċiża ta' kemm ser jiswa ix-xogħol f'din it-triq wara li tħallsu l-kontijiet finali taż-żewġ toroq l-oħra li issa kienu lesti minn fost it-tliet toroq li għandhom isiru permezz tal-PPP – TOROQ.

3.5 Raġuni oħra għal din l-istima huwa l-fatt li l-kontijiet taż-żewg toroq imsemmija hawn fuq kellu jiżdied magħhom ħlasijiet addizzjonali u bħala riżultat ta' din il-varjazzjoni l-Kunsill irid jieħu ħsieb li ma jaqbiżx l-ammont ta' flus allokati lilu f'dan il-proġett.

## 4. DEVOLUZZJONI TAL-BELVEDERE

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar il-ftehim ta' kiri bejn il-Kunsill Lokali u d-Dipartiment tal-Artijiet biex il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija jkun jista' jamministra dan il-post u bħala riżultat ta' dan ikun jista' jitlob fondi mill-programmi offruti tal-UE.

4.2 Dan il-ftehim kien iffirmat mis-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, f'isem il-Kunsill u mis-Sur Aldo Cutajar, f'isem il-Kummissarju tal-Artijiet nhar it-12 ta' Jannar 2011.

4.3 Il-kirja qed issir għall-perjodu ta' tliet snien ghas-somma ta' €250 fis-sena. Din il-kera terġa' tiġġedded kemm-il darba jkun hemm qbil bdejn il-partijiet.

## 5. BRING IN SITE

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li l-'Bring In Site' issa tneħħiet minn Triq Robert Mifsud Bonnici u tpoġġiet fi Triq Santa Mansueta kantuniera ma' Triq Kardinal Ferretti kif kien deciż fl-aħħar lagħqa tal-Kunsill.

5.2 Ċirkulari biex tinforma lir-residenti b'dan it-tibdil għandha titqassam fil-ġranet li ġejjin.

## 6. RIGENERAZZJONI F'OQSMA TAL-BINI TAL-GVERN

6.1 L-Awtorità tad-Djar ippubblikat sett ta' linji gwida mfasslin dwar skema intiża biex tirriġenera l-oqsma madwar il-bini tal-gvern waqt li toffri wkoll għajnuna edukattiva lir-residenti ta' dawn l-istess oqsma.

6.2 Il-Kunsill unanimament approva lill-Vici Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi u s-Sinjorina Lorraine Farrugia sabiex dawn flimkien jieħdu ħsieb din l-iskema f'isem il-Kunsill.

6.3 Il-Kunsill qabel ukoll sabiex dawn jagħmlu laqghat necessarji mar-residenti f'dawn l-oqsma biex il-proposti li joħorgu minn dawn il-laqgħat jitressqu quddiem il-Kunsill biex ikun jista' jfassal pjan ta ħidma.

## 7. BAĠIT GHAS-SENA 2011

7.1 Is-Segretarju Eżekkutiv, is-Sur Alfred Buhagiar, ressaq qudiem il-Kunsill estimi finanzjarji għas-sena 2011. Dan kien jinkludi fih id-dħul u l-ħrug li hemm previst għas-sena finanzjarjar 2011.

7.2 Il-Kunsill approva biex dan l-abbozz jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 8. LAQGĦA TAL-LOKALITÀ'

8.1 Il-Kunsill approva biex il-laqgħa annwali tal-lokalità tinżamm nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2011 fis-7.00 p.m fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

8.2 Għandha tiġi ppubblikata ċirkulari b'dan l-avviż fil-gazzetti lokali skont l-Artiklu 70 tal-Att XV tal-1993. L-istess avviż għandu jitqassam permezz ta' cirkulari lir-residenti fil-Lokalità.

## 9. FESTIVAL TAĊ-ĊITRU

9.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet dwar is-'Citrus Festival' li sar nhar is-Sibt 15 ta' Jannar 2011. Hija qalet li għalkemm l-attendenza kienet ftit inqas minn dik tas-sena ta' qabel, l-organizzazjoni ta' dan il-'festival' kienet aħjar mis-sena ta' qabel. L-għadd ta' parteċipanti li ġabu ċ-ċitru f'din l-esibizzjoni, kien inkuruġġanti ħafna. Il-parteċipazzjoni tal-ITS ħalliet ukoll effett pożittiv f'dan il-

‘festival’ u n-nies dehru li ħadu pjaċir b’din il-parteċipazzjoni. Rendikont ta’ din l-attivita ser jitpoġġa fuq il-mejda tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

## 10. PA 2047/10 TRIQ PREZIOSI

10.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill, dwar it-talba lill-MEPA (PA 2047/10) biex tinbena ‘terraced house’ f’sit li tinsab barra ż-żona tal-iżvillup skont il-Pjan Lokali taċ-Ċentru ta’ Malta.

10.2 Min-naħa tiegħu l-Kunsill, permezz tal-avukat, Dr Kris Balzan, bl-għajnuna tal-Perit Paul Gauci għamel l-oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp permezz ta’ ittra bid-data tal-5 ta’ Lulju 2010. Il-Kunsill kompla jsegwi dan il-każ sakemm dan ġie wkoll rifjutat fl-istadju ta’ rikonsiderazzjoni fis-seduta tal-MEPA li saret fit-3 ta’ Diċembru 2010. Is-Sindku , Dr Ian Castaldi Paris, flimkien mal-kunsilliera, ser ikompli jieħu l-passi meħtieġa kull meta jkun hemm applikazzjonijiet simili li jmorru kontra l-Pjan Lokali.

## 11. AFFARIJIET OĦRA

**a. Lampi fil-qalba tar-Rahal**

Dr Sant staqsa dwar il-lampi li kellhom isiru fil-qalba tar-rahal. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa li l-lista bit-talba għal dawn il-lampi ntbagħtet lill-Enemalta li qed tivverifika din it-talba.

**b. ‘Dog Bins’**

Għar-raġuni li kien hemm diversi lmenti dwar ħmieg ta’ klieb fit-toroq, il-Kunsill approva biex jitpoġġew ‘dog bins’ f’dawn it-toroq – Vjal Trasfigurazzjoni, Triq Robert Mifsud Bonnici, Triq Preziosi, u Triq il-Kunċizzjoni.

**c. Bankijiet fiċ-Ċentru Rekreattiv**

Il-Vici Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi għamlet proposta biex il-bankijiet li hemm fil-passaġġ fiċ-Ċentru Rekreattiv, ħdejn il-funtana jitpoġġew f’parti oħra tal-istess ġnien għar-raġuni li r-residenti viċin dawn l-inħawi kienu qed jilmentaw mill-istrobju li jsir min-nies li joqogħdu fuq dawn il-bnadi u minnbarra dan, kienu qed jostakolaw il-passaġġ.

Din il-proposta ma ġietx approvata mill-Kunsill.

## 12. LAQGĦA

12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.45p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 16 ta' Frar 2011 fil-5.00p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Sur Alffred Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |